

Paġna Ewlenija > ... > Sib Professionist Legali > Sib Espert > Czechia

Sib espert

Iċ-Ċekja

Il-kontenut ipprovdut
minn
Iċ-Ċekja



I. Listi u reġistri ta' esperti

Hemm lista uffiċjali ta' esperti fir-Repubblika Ċeka.

Skont l-Artikolu 15 tal-Att Nru 254/2019 dwar l-esperti, l-uffiċċji tal-esperti u l-istituti tal-esperti ("l-Att dwar l-Esperti"), implimentat bid-Digriet ta' Implimentazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja Nru 503/2020 tas-26 ta' Novembru 2020, il-lista ta' esperti hija aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-lista ta' esperti hija disponibbli [hawnhekk](#). L-uffiċċji u l-istituti tal-esperti kkwalfikati biex iwettqu xogħol ta' esperti jinsabu wkoll fil-lista.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa responsabbli għaż-żamma tal-lista ta' esperti.

Skont l-Artikolu 5(1) tal-Att dwar l-Esperti, kif implimentat bid-Digriet Nru 503/2020, l-esperti jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin sabiex jiġu inklużi fil-lista. Huma jridu:

- ikollhom l-uffiċċju rreġistrat, ir-residenza permanenti, l-indirizz ta' kuntatt jew ir-residenza reġistrata tagħhom bħala persuna barranija fir-Repubblika Ċeka;
- ikollhom il-livell meħtieġ ta' edukazzjoni (edukazzjoni universitarja fejn possibbli; inkella l-ogħla livell ta' edukazzjoni li jista' jinkiseb);
- ikollhom mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali attiva fil-qasam u s-settur ikkonċernat;
- ikollhom edukazzjoni speċjalizzata addizzjonali jew ċertifikat ta' kompetenza professjonali (għall-oqsma u s-setturi elenkati fl-Anness 2 tad-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 505/2020);
- igawdu minn kapaċità ġuridika sħiħa (ikunu kompletament kapaċi jieħdu sehem fi proċedimenti legali);
- ikollhom kondotta kriminali nadifa (il-persuna ma tridx tkun ġiet ikkundannata b'sentenza li tkun *res judicata* b'reat kriminali volontarju jew negliġenti mwettaq b'rabta mat-twettiq ta' attività ta' espert jew ta' negozju, sakemm ma jitqisux li ma ġewx ikkundannati);
- ikollhom il-materjal u l-faċilitajiet tekniċi u t-tagħmir meħtieġa;
- ikunu għaddew minn eżami ta' ammissjoni organizzat mill-Ministeru tal-Ġustizzja;
- ma jkunux falluti;
- l-awtorizzazzjoni tagħhom biex iwettqu x-xogħol ta' espert ma tkunx ġiet irrevokata f'dawn l-aħħar 5 snin għal ksur serju jew ripetut tad-dmirijiet ta' espert; u
- ma jridux ikunu ġew immultati CZK 100 000 jew aktar f'dawn l-aħħar 3 snin għal reati elenkati fl-Att dwar l-Esperti.

Il-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tal-Att dwar l-Esperti hija meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet ta' uffiċċju jew istitut ta' esperti.

L-esperti jridu jieħdu ġurament sabiex ikunu rreġistrati. Il-ġurament huwa kif ġej: "Inwiegħed li se nikkonforma mal-liġi fix-xogħol tiegħi ta' espert, se nwettaq l-attività tiegħi ta' espert b'mod imparzjali u indipendenti, se nagħmel użu sħiħ mill-għarfien kollu tiegħi, se nieħu ħsieb li nkompli neduka ruħi, u se nżomm kunfidenzjali l-fatti li nitgħallem matul il-ħidma tiegħi bħala espert."

Biex jiġu inklużi fil-lista, l-esperti jridu jippreżentaw applikazzjoni lill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Madankollu, ma għandhomx għalfejn jissottoskrivu għal kodiċi ta' kondotta jew kodiċi ta' etika.

L-esperti jistgħu jitneħħew mil-lista għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

- L-espert imut jew l-uffiċċju jew l-istitut ta' esperti jiġi xolt;
- L-espert iħabbar li waqaf jaħdem bħala espert;
- Deċiżjoni biex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tiegħu biex iwettaq xogħol ta' espert tidħol fis-seħħ legalment.

L-iskadenza tad-dritt li wieħed jagħmel xogħol ta' espert wara l-irtirar tal-awtorizzazzjoni mill-Ministeru hija rregolata mill-Artikolu 14(1) tal-Att dwar l-Esperti. Din id-dispożizzjoni tapplika f'każijiet fejn espert ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-ħatra tiegħu, ma jkunx ippreżenta prova ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà obligatorja, ma jkunx jista' jwettaq xogħolu fit-tul għal raġunijiet mediċi, professjonali jew raġunijiet serji oħra, ikun inattiv b'xi mod ieħor (inqas minn tliet perizji prodotti matul il-5 snin preċedenti), jew jekk l-espert ikun kiser b'mod serju u persistenti l-obbligi stabbiliti fl-Att dwar l-Esperti.

Il-lista ta' esperti tiġi aġġornata regolarment mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Espert jista' jinstab billi tintuża [l-għodda ta' tiftix](#). Din l-għodda ta' tiftix tinkludi l-esperti, l-uffiċċji ta' esperti u l-istituti ta' esperti kollha.

L-esperti jidhru fuq il-lista skont il-qasam, is-settur u, fejn xieraq, l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. Bħalissa hemm 52 qasam ewlieni stabbilit mill-Att dwar l-Esperti. L-Anness 1 tad-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 505/2020 fih lista ta' setturi ta' esperti fid-diversi oqsma ta' għarfien espert.

L-esperti jridu jdaħħlu d-dettalji tal-ħidma esperta tagħhom b'mod elettroniku f'reġistru ta' perizji li jkun aċċessibbli mill-bogħod u miżmum mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

II. Il-kwalifiki tal-espert

Huma biss il-persuni li jkunu kisbu l-livell meħtieġ ta' taħriġ u t-tul minimu ta' esperjenza professjonali attiva fil-qasam u s-settur speċjalizzat tagħhom li jistgħu jinħatra bħala esperti. Is-sħubija f'organizzazzjoni professjonali ta' esperti mhijiex meħtieġa biex jitwettaq xogħol ta' espert.

Madankollu, ċerti oqsma u setturi ta' esperti jeħtieġu prova ta' kompetenza professjonali maħruġa minn assoċjazzjoni professjonali stabbilita legalment bi sħubija obligatorja, pereżempju fis-settur tal-kostruzzjoni (skont l-Anness 2 tad-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 505/2020) biex isir xogħol ta' espert fihom.

L-esperti huma meħtieġa jaġġornaw jew jestendu l-għarfien tagħhom. Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa involut fit-taħriġ u l-appoġġ professjonali ulterjuri tal-esperti.

III. Remunerazzjoni tal-esperti

Ir-remunerazzjoni tal-esperti hija rregolata jew minn kuntratt ma' klijent li jitlob perizja jew mill-Att dwar l-Esperti u d-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 504/2020 dwar it-tariffi tal-esperti.

Hemm restrizzjonijiet fuq kif l-esperti jistgħu jiġu remunerati. Ir-remunerazzjoni kuntrattwali mhijiex permissibbli jekk il-perizja tintalab minn awtorità pubblika (eż. qorti jew awtorità amministrattiva).

Minbarra r-remunerazzjoni, l-espert huwa intitolat għal rimborż tal-ispejjeż fi flus kontanti u kumpens għat-telf ta' ħin, inkluż il-ħin li jgħatta' jivvjaġġa b'rabta ma' xogħol ta' espert lejn post li mhuwiex l-uffiċċju rreġistrat tal-espert.

L-esperti maħtura mill-qorti jistgħu jirċievu pagamenti bil-quddiem.

It-tariffi tal-esperti jitħallsu kif ġej:

Proċedura ċivili

It-tariffi tal-esperti huma inklużi fl-ispejjeż tal-proċedimenti. Kull parti tħallas l-ispejjeż imġarrba mill-parti nnifisha

u mir-rappreżentanti tal-parti. Il-qorti tagħti lill-parti li tirbaħ kawża partikolari għalkollox ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba fl-eżerċizzju effiċjenti jew fid-difiża tad-dritt tal-parti kontra l-parti telliefa. Jekk parti tirbaħ il-kawża biss parzjalment, il-qorti tqassam ir-rimborż tal-ispejjeż b'mod ġust jew tiddikjara li l-ebda waħda mill-partijiet ma hija intitolata għal tali rimborż. Abbażi tar-riżultati tal-proċedimenti, l-Istat huwa intitolat li jġi rimborżat mill-partijiet għall-ispejjeż imġarrba mill-Istat fuq il-proċedimenti, sakemm ma jkunx hemm aspettattiva li l-partijiet se jkunu eżentati mit-tariffi tal-qorti.

Proċedimenti kriminali

L-ispejjeż tat-tmexxija tal-proċedimenti kriminali, inklużi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, jiġihallu mill-Istat. Jekk l-intimat jinstab ħati b'sentenza li tkun *res judicata*, huwa meħtieġ iħallas somma f'daqqa lill-Istat bħala rimborż għal tali spejjeż, inkluż f'każijiet fejn tkun intalbet perizja fil-proċedimenti. L-ispejjeż li jaqbuż dan il-limitu ta' somma f'daqqa jiġihallu kompletament mill-Istat. Ħlief għal xi eċċezzjonijiet, l-ispejjeż tal-perizji mhux mitluba mill-Istat ma jiġihallsux mill-Istat.

IV. Responsabbiltà tal-esperti

L-esperti huma responsabbli skont l-Att dwar l-Esperti għal reati mwettqa minnhom (l-Artikolu 39) jew għat-twettiq possibbli tar-reat kriminali ta' sperġur u perizja falza, jekk il-perizja kienet falza, storta għall-aħħar jew mhux kompluta (l-Artikolu 346 tal-Att Nru 40/2009, il-Kodiċi Kriminali).

L-Att dwar l-Esperti jipprevedi wkoll ir-responsabbiltà speċjali tal-esperti skont id-dritt privat. L-esperti huma meħtieġa jipprovdu kumpens għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw b'raba mal-ħidma tagħhom bħala espert. Madankollu, l-esperti jinħelsu mir-responsabbiltà jekk jagħtu prova li ma setgħux jipprevjenu l-ħsara anke bl-isforzi kollha li setgħu kienu meħtieġa minnhom.

Ir-responsabbiltà tal-esperti mhijiex soġġetta għal limitu massimu speċifikat mil-liġi.

L-assigurazzjoni obligatorja tal-espert tikkontribwixxi biex tkopri r-responsabbiltà tagħhom għad-danni kkawżati mill-eżekuzzjoni tax-xogħol tagħhom bħala espert.

V. Informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti tal-esperti

Il-leġiżlazzjoni ewlenija applikabbli għax-xogħol tal-esperti fir-Repubblika Ċeka hija l-Att Nru 254/2019 dwar l-esperti, l-uffiċċji tal-esperti u l-istituti tal-esperti, l-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-Att Nru 141/1961 dwar il-proċedimenti tal-qorti kriminali (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), u l-Att Nru 500/2004, il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva.

Ir-regoli ġenerali għall-ħatra ta' espert mill-awtoritajiet pubbliċi huma simili għal proċedimenti quddiem il-qorti ċivili, kriminali u amministrattivi.

In-nomina ta' "espert", "uffiċċju ta' esperti" u "istitut ta' esperti" tista' tintuża biss minn persuni awtorizzati.

Is-sistema legali tar-Repubblika Ċeka ma tagħmilx distinzjoni bejn esperti maħtura mill-qorti, esperti tekniċi, esperti tal-liġi jew kwalunkwe tip ieħor ta' espert.

L-għadd totali ta' esperti mdaħħla fil-lista tal-esperti huwa ta' madwar 6 000.

1. Ħatra tal-esperti

Espert jista' jinħatar minn qorti, minn awtorità pubblika oħra jew mill-partijiet fil-proċedimenti.

Fi proċedimenti tal-qorti ċivili u amministrattiva, mhuwiex possibbli li jinħatar espert qabel il-bidu tal-proċedimenti.

Fil-proċedimenti kriminali, l-Artikolu 105(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi dan li ġej: "Jekk il-kjarifika tal-fatti rilevanti għall-proċedimenti kriminali teħtieġ għarfien espert, l-awtorità involuta fil-proċedimenti kriminali għandha titlob opinjoni professjonali. Jekk tali proċedura ma tkunx biżżejjed minħabba l-kumplessità

tal-kwistjoni li tkun qed tiġi vvalutata, għandu jinħatar espert mill-awtorità involuta fil-proċedimenti kriminali. Fi proċedura ta' qabel il-proċess, l-espert jinħatar mill-awtorità involuta fil-proċedimenti kriminali li tqis li perizja hija meħtieġa għad-deċiżjoni (bħal uffiċjal tal-pulizija jew prosekutur pubbliku); inkella, l-espert jinħatar mill-prosekutur pubbliku jekk il-kwistjoni tkun ġiet irrinvjata lura għal investigazzjoni ulterjuri, jew mill-imħallef li jippresjedi fil-proċedimenti tal-qorti. L-akkużat u, fil-proċedimenti tal-qrati, il-prosekutur pubbliku jiġu nnotifikati dwar il-ħatra ta' espert. Persuni oħra jiġu nnotifikati dwar il-ħatra ta' espert jekk dan jitqies neċessarju għalihom biex jagħmlu xi ħaġa jew jippermettu xi ħaġa fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċedimenti tal-espert, pereżempju biex l-espert ikun jista' jaċċessa ċertu post."

1.a Ħatra minn qorti

Il-qorti tista' taħtar esperti biex jivvalutaw kwistjonijiet speċjalizzati ta' fatt li huma meħtieġa f'każ speċifiku. Hemm ukoll każijiet ta' liġi ċivili u kriminali fejn il-ħatra ta' espert hija obligatorja (xi każijiet isegwu wkoll mill-ġurisprudenza). L-esperti jistgħu jinħatru għal proċedura preliminari jew ta' qabel il-proċess.

L-Artikolu 105(1) tal-Att Nru 141/1961 dwar il-proċedimenti fil-qrati kriminali (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali) jipprevedi dan li ġej: "Jekk il-kjarifika tal-fatti rilevanti għall-proċedimenti kriminali teħtieġ għarfien espert, l-awtorità involuta fil-proċedimenti kriminali għandha titlob opinjoni professjonali. Jekk tali proċedura ma tkunx biżżejjed minħabba l-kumplessità tal-kwistjoni li tkun qed tiġi vvalutata, għandu jinħatar espert mill-awtorità involuta fil-proċedimenti kriminali."

Ma hemm l-ebda differenza fundamentali fil-ħatra ta' esperti għal proċedimenti quddiem il-qrati ċivili, kriminali u amministrattivi.

L-esperti għandhom obbligu legali li jirrapportaw kwalunkwe kunflitt ta' interess.

F'każijiet fejn l-esperti jinħatru minn qorti, il-qorti trid tagħżilhom mil-lista ta' esperti. Sakemm dan ma jkunx prekluż miċ-ċirkostanzi, jinħatru esperti bl-uffiċċju reġistrat jew l-indirizz ta' kuntatt tagħhom fid-distrett tal-qorti reġjonali fejn il-qorti jkollha s-sede jew il-fergħa tagħha. Jekk l-ebda espert bħal dan ma jkun inkluż fil-lista, jew jekk l-ebda espert irregiſtrat ma jkun jista' jħejji r-rapport, il-qorti tista' b'mod eċċezzjonali taħtar persuna li ma tkunx inkluża fil-lista ta' esperti — "espert *ad hoc* maħtur mill-qorti" (l-Artikolu 26 tal-Att dwar l-Esperti) — biex tħejji l-perizja.

1.b Ħatra mill-partijiet

Il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jaħtru espert kull meta jkunu jridu. Il-perizja mħejjija minn espert (irregiſtrat fil-lista nazzjonali ta' esperti) maħtur minn parti għandha l-istess awtorità bħal perizja mħejjija minn espert maħtur mill-qorti. Madankollu, tali perizja trid tinkludi klawżola tal-espert li tiddikjara li l-espert huwa konxju mill-konsegwenzi tas-sottomissjoni ta' perizja li jkun jaf li hija falza (l-Artikolu 127a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; l-Artikolu 110a tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali).

Il-partijiet m'għandhomx għalfejn isegwu xi proċedura partikolari meta jaħtru espert. Madankollu, ir-rapport tal-espert irid ikun fih informazzjoni dwar jekk l-espert huwix imħallas kuntrattwalment u din ir-remunerazzjoni ma tridx tiddependi fuq l-eżitu tax-xogħol tal-espert.

Espert ma jistax jinħatar miż-żewġ partijiet fi proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin.

Qorti ma tistax tordna li ż-żewġ partijiet jaħtru b'mod konġunt espert wieħed (bħal f'kawżi ta' valur baxx jew rapidi) minflok ma kull parti taħtar l-espert tagħha stess.

Il-partijiet fit-tilwima jridu jipprovdu struzzjonijiet dettaljati lill-espert u mistoqsijiet li l-espert għandu jwieġeb.

2. Proċedimenti

2.a Proċedimenti ċivili

Jekk il-qorti jkollha dubbi dwar il-korrettezza ta' perizja, jew jekk il-perizja ma tkunx ċara jew ma tkunx kompluta, l-espert irid jintalab jiċċara jew jipprovdi aktar informazzjoni. Jekk dan ma jseħħ, il-qorti tqabba espert ieħor biex jeżamina mill-ġdid il-perizja. L-esperti normalment jiġu kontroeżaminati matul il-proċess.

Imħallef qatt ma jkun marbut b'perizja. Il-perizja hija tal-istess importanza bħal kwalunkwe prova oħra. L-imħallef huwa obligat li jevalwaha b'mod oġġettiv u fil-kuntest ta' provi oħra. Ma hemm l-ebda preżunzjoni tal-eżattezza ta' perizja ppreżentata minn espert maħtur mill-qorti. Perizja mħejjija minn espert maħtur minn parti għandha l-istess forza bħal dik ta' espert maħtur mill-qorti.

Il-partijiet jistgħu jqajmu oġġezzjonijiet biex jikkontestaw rapport ta' espert.

Ma hemm l-ebda proċedura li biha l-esperti jiltaqgħu qabel il-proċess jew jiġu kontroeżaminati qabel il-proċess biex ifittxu li jirrestrinġu l-kwistjonijiet u biex il-qorti tifhem id-differenzi fl-opinjoni. L-esperti jistgħu jkunu f'kuntatt mal-partijiet matul il-proċedimenti, iżda ma jistgħux jissottomettu rapport jekk ikun hemm dubji dwar l-imparzjalità tagħhom.

Hekk kif espert isir konxju ta' kwalunkwe fatt li jeskludihom, huwa għandu jinnotifika lill-parti li talbet ir-rapport; l-istess obligu japplika wkoll għal partijiet oħra fil-proċedimenti. Id-deċiżjoni dwar jekk espert għandux jiġi eskluż tittieħed mill-awtorità li tkun ħatret l-espert.

Il-partijiet fil-proċedimenti huma meħtieġa jikkooperaw mal-esperti. F'xi każijiet, il-partijiet huma mitluba li jiġu eżaminati jew interrogati mill-espert.

B'mod partikolari, l-esperti mhumiex meħtieġa jorganizzaw laqgħat mal-partijiet biex jiġbru l-kummenti tagħhom.

1. Perizja

Perizja trid tkun kompluta, veritiera u tista' tiġi rieżaminata. Ir-rekwiżiti formali għal perizja huma stabbiliti fl-Artikoli 27 u 28 tal-Att dwar l-Esperti u fid-Digriet ta' Implimentazzjoni Nru 503/2020.

Dettagli meħtieġa ta' perizja:

- Paġna ta' quddiem
- Termini ta' referenza
- Lista ta' sorsi
- Konstatazzjonijiet
- Opinjoni
- Ġustifikazzjoni f'dettall suffiċjenti biex ikun jista' jsir rieżami
- Konklużjoni
- Annessi
- Klawżola tal-espert
- Stampar tas-siġill tal-espert
- Firma (firma elettronika kwalifikata għal perizja f'forma elettronika)

L-esperti mhumiex meħtieġa jipprovdu perizja preliminari.

Fil-perizji tagħhom, l-esperti mhumiex meħtieġa jindirizzaw l-argumenti tal-partijiet lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tat-termini ta' referenza tal-qorti.

L-esperti huma meħtieġa jwettqu l-ħidma esperta tagħhom personalment u biss fil-qasam, is-settur u, fejn xieraq, l-ispeċjalizzazzjoni li għalihom huma awtorizzati, bid-diliġenza dovuta, b'mod indipendenti, imparzjali u fil-limitu ta' żmien miftiehem jew stabbilit. L-esperti jistgħu, bi qbil mal-persuna li titlob il-perizja, jaħtru konsulent biex jeżamina kwistjonijiet sussidjarji.

L-esperti għandhom iżommu l-kunfidenzjalità fir-rigward tat-twettiq tal-ħidma tagħhom.

L-esperti jistgħu jirrifjutaw li jissottomettu perizja biss għar-raġunijiet stabbiliti mil-liġi (l-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Esperti).

L-esperti jissottomettu l-perizji tagħhom bil-miktub. Il-liġi tippermetti s-sottomissjoni ta' perizja f'forma elettronika jew orali jekk il-parti li tkun talbet il-perizja taqbel ma' dan.

L-esperti jistgħu jintalbu jikkonfermaw, iżidu jew jispjegaw l-opinjoni tagħhom quddiem il-qorti.

2. Seduta fil-qorti

L-esperti jridu jattendu s-seduta preliminari jekk jitħarrku mill-qorti.

Iridu jidhru wkoll fis-seduta orali sabiex iwieġbu mistoqsijiet magħmula mill-qorti u mill-partijiet meta jiġu mistiedna jagħmlu dan.

L-esperti normalment jiġu kontroeżaminati matul il-proċess.

L-informazzjoni ppreżentata hawnhekk inġabret matul il-Proġett Sib Espert minn persuni ta' kuntatt f'diversi pajjiżi, magħżula mill-Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti (EEEI).

■ L-aħħar aġġornament: 08/09/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.